A.L. 361 tal-2010

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-GĦOTI TA' SELF LIR-REPUBBLIKA ELLENIKA (KAP. 502)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-ħruġ ta' Euro 30,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-Direttiva hi Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-ħruġ ta' Euro 30,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 30,000,000 fi *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur.

Mod tal-ħruġ ta' *Stock*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim tal-i*Stock* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

5. Taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* imsemmi tkun ta' Euro 30,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. L-imgħax jitħallas bir-Rata ta' Mgħax li Tvarja kull sitt xhur marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur fis-seħħ fid-data meta tiġi mħabbra flimkien ma' "*spread*" fissa ta' 45bps u maħduma fuq *Day Count Fraction* "(*Actual/360*)" għal kull Euro 100. Tali *spread* ta' *45 basis points (bps)* hija fissa u applikabbli għal tul il-ħajja tal-i*Stock*. L-imgħax jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-11 ta' Frar u fil-11 ta' Awwissu ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas għall-perjodu bejn il-11 ta' Awwissu, 2010 u l-10 ta' Frar, 2011 (iż-żewġ

dati inklużi) isir fil-11 ta' Frar, 2011.

Fidwa ta' *Stock*.

8. *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur jiġi mifdi b'parità fil-11 ta' Awwissu, 2013.